

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-27 ta' Ottubru 2016****li tissostitwixxi Membru tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Pjattaforma REFIT**

(2016/C 405/04)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)3261 finali tad-19 ta' Mejju 2015 li tistabbilixxi l-Pjattaforma REFIT, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 3261 finali li tistabbilixxi l-Pjattaforma REFIT (minn issa 'l quddiem "il-pjattaforma") tippordi fl-Artikolu 4 tagħha li l-pjattaforma se tkun magħmula minn "Grupp tal-gvernijiet" u "Grupp ta' Partijiet Interessati" u li l-Grupp tal-Partijiet Interessati għandu jikkonsisti minn mhux aktar minn 20 espert, tnejn minnhom li jirrapreżentaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u l-bqja minn negozji, inkluż mill-SMEs, u mis-sħab soċjali u organizazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom esperjenza diretta fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-esperti fil-grupp tal-partijiet interessa għandhom jinhatura fil-kapaċità personali tagħhom jew biex jirrapreżentaw interessa komuni kondiviż minn numru ta' partijiet interessati.
- (2) Din id-Deċiżjoni fl-Artikolu 4.4 tistipula li l-Kummissjoni, fuq proposta tal-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni, għandha taħtar il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati magħżula minn applikanti li għandhom esperjenza diretta fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jkunu wieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Il-ħatriet għandhom jiżguraw, sa fejn possibbi, rappreżentazzjoni bilanċjata tad-diversi setturi, interassi u reġjuni tal-Unjoni u tas-sess. L-Artikolu 4.5 tad-Deċiżjoni jistipula li l-Membri għandhom jinhatura sal-31 ta' Ottubru 2019. Skont l-Artikolu 4.6 tad-Deċiżjoni, il-Membri li jirriżenaw jistgħu jiġi sostitwiti għall-bqja tal-mandat tagħhom.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9063 finali tas-16 ta' Diċembru 2015 li taħtar lill-Membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Pjattaforma REFIT (¹) tistipula li jekk xi Membru tal-Grupp tal-Partijiet Interessati jieqaf milli jkun Membru matul il-mandat tal-Pjattaforma, l-Ewwel Viċi-President jista' jinnomina sostitut mil-lista inizjali ta' kandidati li wieġbu għas-sejħa għal espressjonijiet ta' interessa biex wieħed isir Membru tal-grupp tal-Partijiet Interessati.
- (4) Wara r-riżenza tas-Sur Linas Lasiauskas bħala Membru tal-Grupp tal-Partijiet Interessati fit-23 ta' Ġunju 2016, l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni nnomina lis-Sur Paolo Falcioni biex jieħu post is-Sur Lasiauskas għall-bqja taż-żmien tal-kariga tiegħu.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Paolo Falcioni huwa maħtur Membru tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Pjattaforma REFIT sal-31 ta' Ottubru 2019 (ara l-Anness ta' din id-Deċiżjoni).

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni**Frans TIMMERMANS**L-Ewwel Viċi President*


---

(¹) ĠU C 425, 18.12.2015, p. 8.

## ANNESS

Isem	Nazzjonalità	Jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet interessati f'qasam ta' politika partikolari	Impiegatur attwali
Is-Sur Paolo Falcioni	IT	IVA	Kunsill Ewropew għall-Kostruzzjoni ta' Apparat Domestiku